01/07/11

**MaltaPost Stamp Issue: Malta Buses – "The End of an Era"**

The Philatelic Bureau of MaltaPost p.l.c. will issue on 2 July 2011 a philatelic commemorative set of 20 stamps entitled Malta Buses - "The End of an Era" to mark the withdrawal from service of Malta's iconic buses.

The stamps are reproductions of original artworks by local artist Cedric Galea Pirotta who was commissioned to paint 20 of the most popular buses covering the principal routes throughout Malta and Gozo, each in its original route livery. The routes depicted in the stamps are: Birkirkara, Birkirkara – St. Julian's, Cospicua, Gozo, Gudja-Ghaxaq, Kalafrana, Lija, Mellieha, Mosta, Naxxar, Rabat, Siggiewi, Sliema, Zabbar, Zebbug-Siggiewi, Zejtun and Zurrieq. The three other buses included in the commemorative set are those for "Private Hire", the Gozo Mail Bus and the Magirus Deutz representing "All Routes".

3,580,000 stamps carry a face value of €0.20 while 200,000 stamps carry a face value of €0.69. The stamps measure 44.0mm x 31.0mm with a perforation of 13.9 x 14.0 (comb). All stamps have been offset printed on Maltese Crosses watermarked paper by Printex Limited and are available in two sheets each of 10 different stamps bearing a denomination of €0.20 and €0.69 respectively.

This stamp set is available from all Post Offices in Malta and Gozo and also from the Mobile Post Office. More information is available from the MaltaPost Philatelic Bureau by visiting www.maltaphilately.com, emailing philately@maltapost.com, telephoning on 2596 1740 or by post at 305, Triq Ħal-Qormi, Marsa MTP 1001.

01/07/11

**Bolol ġodda mill-MaltaPost: Malta Buses – "The End of an Era"**

Fit-2 ta' Lulju 2011 il-Bureau Filateliku tal-MaltaPost p.l.c. se joħroġ sett ta' 20 bolla kommemorattiva bl-isem Malta Buses – "The End of an Era" biex ifakkar il-waqfien tas-servizz tal-karozzi tal-linja ikoniċi ta' Malta.

Il-bolol huma riproduzzjoni tax-xogħol oriġinali tal-artist Cedric Galea Pirotta li kien ikkummissjonat biex ipinġi 20 mill-aktar karozzi tal-linja popolari li jkopru r-rotot prinċipali madwar Malta u Għawdex, kull wieħed fil-kulur tar-rotta oriġinali tiegħu. Ir-rotot li jidhru fil-bolol huma: Birkirkara, Birkirkara - San Ġiljan, Bormla, Għawdex, il-Gudja / Ħal Għaxaq, Kalafrana, Ħal Lija, il-Mellieħa, il-Mosta, in-Naxxar, ir-Rabat, is-Siġġiewi, Tas-Sliema, Ħaż Żabbar, Ħaż Żebbug / is-Siġġiewi, iż-Żejtun u ż-Żurrieq. It-tliet karozzi tal-linja l-oħra li huma nklużi fis-sett kommemorattiv huma dawk tal-"Private Hire", il-Gozo Mail Bus u d-Deutz Magirus klassiku li jirrappreżentaw "All Routes".

3,580,000 bolla għandhom valur ta' €0.20 waqt li 200,000 bolla għandhom valur ta' €0.69. Id-daqs tal-bolol hu 44.0mm b'31.0mm b'perforazzjoni ta' 13.9 x 14.0 (comb). Il-bolol ġew stampati offset fuq karti watermarked bis-salib ta' Malta minn Printex Limited u jistgħu jinkisbu f'żewġ folji ta' bolol differenti b'denominazzjoni ta' €0.20 u €0.69.

Is-sett tal-bolol jistgħu jinkisbu mill-uffiċji postali ta' Malta u Għawdex u mill-Mobile Post Office. Ghall-aktar informazzjoni, kkuntattja il-Bureau Filateliku tal-MaltaPost billi żżur www.maltaphilately.com, email philately@maltapost.com, ċempel fuq 2596 1740 jew bil-posta fl-indirizz 305, Triq Ħal-Qormi, Marsa MTP 1001.